**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Helen Gatt**

**Kumpilazzjoni numru 195/2017**

**Illum 24 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Helen Gatt** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 265364 (M) billi hija akkuzata talli b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmlua b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli nhar 19 ta' April 2017 u fil granet u ix-xhur ta' qabel din id-data:

1. ikkommettiet serq ta' prodotti tad-ditta 'Olay' u jew ogetti ohra minn 'Carters Supermarket' li jinsab fi triq Hal Luqa Rahal il Gdid u / jew f'dawn il-Gzejjer li l-valur totali taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta' Carmel Spiteri minn Haz-Zabbar u jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur.

2. Akkuzata ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.
3. U aktar tallli nhar 05 ta' Mejju 2016 min gewwa il-hanut 'Paul and Waters' li jinsab gewwa Triq il-Karmelitani, Fgura u/ jew f'dawn il-gzejjer, ikkommettiet serq ta' fwejjah u/ jew ogetti ohra liema ammont ma jeccedix l-€232.94 ghad-detriment ta' Ramon Schembri u / jew persuni ohra.
4. Akkuzata ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.
5. Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tittratta mal-imputata bhala wahda li rrendiet ruhha recediva b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien li tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

L-imputata talbet skuza ghal dak li wettqet u tiddikjara li jiddispjaciha ghall-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[1] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta' zmien.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

**Ikkunisdrat**

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata huma reati ta' certu gravita. Il-Qorti se taghti cans ghall-ahhar darba lill-imputata biex ikompli fit-triq it-tajba.

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity.* Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[3]:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputata timxi fit-triq it-tajba u taghraf ma tergghax tirrepeti l-izball li hija ghamlet.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 267, 279(a), 284, 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputata Helen Gatt taht ordni ta' *probation* ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, liema ordni huma soggetti ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

---

[3] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reat li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputata Helen Gatt.

In konkluzzjoni l-Qorti qieghda tqieghed lill-hatja taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li ssegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**